REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 618/2013

tas-26 ta' Ġunju 2013

li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 669/2009 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iż-żieda fil-livell tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq l-importazzjoni ta' ċertu għalf u ikel ta' oriġini mhux mill-annimali

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 15(5) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2009 [2] jistabbilixxi regoli rigward il-livell miżjud ta' kontrolli uffiċjali li għandhom jitwettqu fuq l-importazzjonijiet tal-għalf u l-ikel ta' oriġini mhux mill-annimali, elenkati fl-Anness I tiegħu ("l-elenku"), fil-punti tad-dħul fit-territorji msemmija fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 882/2004.

(2) L-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 669/2009 jistipula li l-elenku għandu jiġi rivedut regolarment, tal-inqas kull tliet xhur, filwaqt li tal-inqas jitqiesu s-sorsi ta' informazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu.

(3) L-okkorrenza u r-rilevanza ta' inċidenti li jinvolvu l-ikel innotifikati permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Għalf u għall-Ikel, is-sejbiet tal-missjonijiet f'pajjiżi terzi li jitwettqu mill-Uffiċċju Alimentari u Veterinarju, kif ukoll ir-rapporti ta' kull tliet xhur dwar il-konsenji ta' għalf u ikel ta' oriġini mhux tal-annimali sottomessi lill-Kummissjoni mill-Istati Membri b'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 669/2009, jindikaw li l-elenku għandu jiġi emendat.

(4) B'mod partikolari, għal konsenji ta' fażola mnixxfa min-Niġerja, is-sorsi relevanti ta' tagħrif jindikaw l-emerġenza ta' riskji ġodda li jitolbu l-introduzzjoni ta' livell miżjud ta' kontrolli uffiċjali. Għaldaqstant fl-elenku għandha tiddaħħal annotazzjoni rigward dawn il-konsenji.

(5) l-elenku għandu jiġi emendat ukoll billi tiżdied il-frekwenza tal-kontrolli fuq il-prodotti, li għalihom l-istess sorsi ta' informazzjoni juru livell ogħla ta' nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, li jiġġustifika ż-żieda fil-livell tal-kontrolli uffiċjali. L-entrata dwar il-*Brassica oleracea* miċ-Ċina fl-elenku għandha għaldaqstant tiġi emendata.

(6) Bl-istess mod, l-elenku għandu jiġi emendat bit-tnaqqis tal-frekwenza tal-kontrolli uffiċjali tal-prodotti li għalihom l-informazzjoni tindika grad ġenerali ta' titjib fil-grad ta' konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni u li għalihom il-livell kurrenti ta' kontroll uffiċjali ma għadux ġustifikat. L-entrata fl-elenku dwar il-ħxejjex Brassica mit-Tajlandja għandha għaldaqstant tiġi emendata.

(7) Barra minn dan, l-elenku għandu jkun emendat bit-tħassir tal-entrati għall-prodotti li għalihom l-informazzjoni disponibbli tindika grad ġenerali sodisfaċenti ta' konformità mar-rekwiżiti rilevanti ta' sikurezza stipulati fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u li għalihom, għaldaqstant, ma għadux iġġustifikat livell ogħla ta' kontroll uffiċjali. L-entrati fl-elenku dwar il-karawett mill-Afrika t'Isfel u r-rummien mill-Eġittu għandhom għaldaqstant jiġu emendati.

(8) Għall-interess taċ-ċarezza, huwa meħtieġ li l-elenku tar-residwi tal-pestiċidi fin-noti tal-aħħar stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 669/2009 jiġi emendat biex jiġu żgurat li jkunu konsistenti mad-definizzjoni stipulata fir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq l-ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE [3].

(9) Biex jiġu żgurati l-konsistenza u ċ-ċarezza, huwa xieraq li l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 669/2009 jinbidel bit-test stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(10) Ir-Regolament (KE) Nru 669/2009 għandu għaldaqstant jiġi emendat.

(11) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 669/2009 jinbidel bit-test stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

[1] ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1.
[2] ĠU L 194, 25.7.2009, p. 11.
[3] ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2013.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ġunju 2013.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNESS

"ANNESS I

Għalf u ikel ta' oriġini mhux mill-annimali soġġetti għal livell ogħla ta' kontrolli uffiċjali fil-punt tad-dħul magħżul

Għalf u ikel (użu intenzjonat)	Il-kodiċi NM (1)	Subdiviżjoni tat-TARIC	Pajjiż tal-oriġini	Periklu	Frekwenza tal-kontrolli fiżiċi u tal-identità (%)
Għeneb imnixxef (frott tad-dwieli) (*Ikel*)	0806 20		L-Afganistan (AF)	Okratossina A	50
Ġellewż (fil-qoxra jew le) (*Għalf u Ikel*)	0802 21 00; 0802 22 00		L-Azerbajġan (AZ)	Aflatossini	10
Dulliegħ (*Ikel*)	0807 11 00		Il-Brażil (BR)	Salmonella	10
— Karawett, bil-qoxra — Karawett, bla qoxra — Butir tal-karawett — Karawett, imħejji jew priżervat mod ieħor (*Għalf u Ikel*)	— 1202 41 00 — 1202 42 00 — 2008 11 10 — 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98		Il-Brażil (BR)	Aflatossini	10
Frawli (friżati) (*Ikel*)	0811 10		Iċ-Ċina (CN)	Norovajrus u epatite A	5
Brassica oleracea (Brassica oħra li tittiekel, il-'Brokkoli Ċiniż') (2) (*Ikel — frisk jew imkessaħ*)	ex 0704 90 90	40	Iċ-Ċina (CN)	Residwi ta' pestiċidi analizzati b'metodi li jużaw residwi multipli bbażati fuq GC-MS u LC-MS jew b'metodi li jużaw residwu wieħed (3)	20
Taljarini Mnixxfa	ex 1902 11 00; ex 1902 19 10; ex 1902 19 90; ex 1902 20 10; ex 1902 20 30; ex 1902 20 91; ex 1902 20 99; ex 1902 30 10; ex 1902 30 10	10 10 10 10 10 10 10 10 91	Iċ-Ċina (CN)	Aluminju	10

Għalf u ikel (użu intenzjonat)	Il-kodiċi NM ([1])	Subdiviżjoni tat-TARIC	Pajjiż tal-oriġini	Periklu	Frekwenza tal-kontrolli fiżiċi u tal-identità (%)
(*Ikel*)					
Pomelo (*Ikel — frisk*)	ex 0805 40 00	31; 39	Iċ-Ċina (CN)	Residwi ta' pestiċidi analizzati b'metodi li jużaw residwi multipli bbażati fuq GC-MS u LC-MS jew b'metodi li jużaw residwu wieħed ([4])	20
Te, bit-togħma u mingħajr (*Ikel*)	0902		Iċ-Ċina (CN)	Residwi ta' pestiċidi analizzati b'metodi li jużaw residwi multipli bbażati fuq GC-MS u LC-MS jew b'metodi li jużaw residwu wieħed(5) ([5])	10
— Brunġiel	— 0709 30 00; ex 0710 80 95	72	Ir-Repubblika Dominikana (DO)	Residwi ta' pestiċidi analizzati b'metodi li jużaw residwi multipli bbażati fuq GC-MS u LC-MS jew b'metodi li jużaw residwu wieħed ([6])	10
— Bitter melon (*Momordica charantia*) (*Ikel — ħaxix frisk, imkessaħ jew friżat*)	— ex 0709 99 90; ex 0710 80 95	70 70			
— Fażola twila jarda (*Vigna unguiculata* spp. *sesquipedalis*)	— ex 0708 20 00; ex 0710 22 00	10 10	Ir-Repubblika Dominikana (DO)	Residwi ta' pestiċidi analizzati b'metodi li jużaw residwi multipli bbażati fuq GC-MS u LC-MS jew b'metodi li jużaw residwu wieħed ([6])	20
— Bżar (ħelu u mhux) (*Capsicum* spp.) (*Ikel — ħaxix frisk, imkessaħ jew friżat*)	— 0709 60 10; ex 0709 60 99 — 0710 80 51; ex 0710 80 59	20 20			
— Lariġ (frisk jew imnixxef)	— 0805 10 20; 0805 10 80		L-Eġittu (EG)	Residwi ta' pestiċidi analizzati b'metodi li jużaw residwi multipli bbażati fuq GC-MS u LC-MS jew b'metodi li jużaw residwu wieħed ([7])	10

Għalf u ikel (użu intenzjonat)	Il-kodiċi NM [1]	Subdivižjoni tat-TARIC	Pajjiż tal-oriġini	Periklu	Frekwenza tal-kontrolli fiżiċi u tal-identità (%)
— Frawli (*Ikel frott frisk*)	— 0810 10 00				
Bżar (ħelu u mhux) (*Capsicum* spp.) (*Ikel — frisk, imkessaħ jew friżat*)	0709 60 10; ex 0709 60 99; 0710 80 51; ex 0710 80 59	20 20	L-Eġittu (EG)	Residwi ta' pestiċidi analizzati b'metodi li jużaw residwi multipli bbażati fuq GC-MS u LC-MS jew b'metodi li jużaw residwu wieħed [8]	10
— *Capsicum annuum*, sħiħ	— 0904 21 10		L-Indja (IN)	Aflatossini	10
— *Capsicum annuum*, imfarrak jew mitħun	— ex 0904 22 00	10			
— Frott imnixxef tal-ġeneru *Capsicum*, sħiħ, minbarra l-bżar ħelu (*Capsicum annuum*)	— 0904 21 90				
— Kari (prodotti biċ-ċili)	— 0910 91 05				
— Noċemuskata (*Myristica fragrans*)	— 0908 11 00; 0908 12 00				
— Il-qoxra ta' barra tan-noċemuskata (*Myristica fragrans*)	— 0908 21 00; 0908 22 00				
— Ġinġer (*Zingiber officinale*)	— 0910 11 00; 0910 12 00				
— *Curcuma longa* (żagħfran tal-Indja) (*Ikel - ħwawar imnixxfin*)	— 0910 30 00				
— Noċemuskata (*Myristica fragrans*)	— 0908 11 00; 0908 12 00		L-Indoneżja (ID)	Aflatossini	20
— Il-qoxra ta' barra tan-noċemuskata (*Myristica fragrans*) (*Ikel — ħwawar imnixxfin*)	— 0908 21 00; 0908 22 00				
— Piżelli bil-miżwed (bil-qoxra)	— ex 0708 10 00	40	Il-Kenja (KE)	Residwi ta' pestiċidi analizzati b'metodi li jużaw residwi multipli bbażati fuq GC-MS u LC-MS jew b'metodi li jużaw residwu wieħed [9]	10

Għalf u ikel (użu intenzjonat)	Il-kodiċi NM ([1])	Subdiviżjoni tat-TARIC	Pajjiż tal-oriġini	Periklu	Frekwenza tal-kontrolli fiżiċi u tal-identità (%)
— Fażola bil-miżwed (bla qoxra) (*Ikel — frisk u mkessaħ*)	— ex 0708 20 00	40			
Nagħnieġħ (*Ikel — ħxejjex aromatiċi friski*)	ex 1211 90 86	30	Il-Marokk (MA)	Residwi ta' pestiċidi analizzati b'metodi li jużaw residwi multipli bbażati fuq GC-MS u LC-MS jew b'metodi li jużaw residwu wieħed ([10])	10
Fażola mnixxfa (*Ikel*)	0713 39 00		In-Niġerja (NG)	Residwi ta' pestiċidi analizzati b'metodi li jużaw residwi multipli bbażati fuq GC-MS u LC-MS jew b'metodi li jużaw residwu wieħed ([11])	50
Żerriegħa tad-dulliegħ (*Egusi, Citrullus lanatus*) u prodotti minnha (*Ikel*)	ex 1207 70 00; ex 1106 30 90; ex 2008 99 99	10 30 50	Is-Sjerra Leone (SL)	Aflatossini	50
Bżar (minbarra dak ħelu) (*Capsicum* spp.) (*Ikel — frisk*)	ex 0709 60 99	20	It-Tajlandja (TH)	Residwi ta' pestiċidi analizzati b'metodi li jużaw residwi multipli bbażati fuq GC-MS u LC-MS jew b'metodi li jużaw residwu wieħed ([12])	10
— Weraq tal-kosbor — Ħabaq (sagru, ħelu) — Nagħnieġħ (*Ikel — ħxejjex aromatiċi friski*)	— ex 0709 99 90 — ex 1211 90 86 — ex 1211 90 86	72 20 30	It-Tajlandja (TH)	Salmonella ([13])	10

Għalf u ikel (użu intenzjonat)	Il-kodiċi NM [1]	Subdivižjoni tat-TARIC	Pajjiż tal-oriġini	Periklu	Frekwenza tal-kontrolli fiżiċi u tal-identità (%)
— Weraq tal-kosbor	— ex 0709 99 90	72	It-Tajlandja (TH)	Residwi ta' pestiċidi analizzati b'metodi li jużaw residwi multipli bbażati fuq GC-MS u LC-MS jew b'metodi li jużaw residwu wieħed [14]	10
— Ħabaq (sagru, ħelu) (*Ikel — ħxejjex aromatiċi friski*)	— ex 1211 90 86	20			
Ħxejjex tal-ġeneru Brassica	0704;		It-Tajlandja (TH)	Residwi ta' pestiċidi analizzati b'metodi li jużaw residwi multipli bbażati fuq GC-MS u LC-MS jew b'metodi li jużaw residwu wieħed [14]	10
(*Ikel — ħaxix frisk, imkessaħ jew friżat*)	ex 0710 80 95	76			
— Fażola twila jarda (*Vigna unguiculata* spp. *sesquipedalis*)	— ex 0708 20 00; ex 0710 22 00	10 10	It-Tajlandja (TH)	Residwi ta' pestiċidi analizzati b'metodi li jużaw residwi multipli bbażati fuq GC-MS u LC-MS jew b'metodi li jużaw residwu wieħed [14]	20
— Brunġiel (*Ikel — ħaxix frisk, imkessaħ jew friżat*)	— 0709 30 00; ex 0710 80 95	72			
— Bżar ħelu (*Capsicum annuum*)	— 0709 60 10; 0710 80 51		It-Turkija (TR)	Residwi ta' pestiċidi analizzati b'metodi li jużaw residwi multipli bbażati fuq GC-MS u LC-MS jew b'metodi li jużaw residwu wieħed [15]	10
— Tadam (*Ikel — ħaxix frisk, imkessaħ jew friżat*)	— 0702 00 00; 0710 80 70				
Għeneb imnixxef (frott tad-dwieli) (*Ikel*)	0806 20		l-Użbekistan (UZ)	Okratossina A	50

Għalf u ikel (użu intenzjonat)	Il-kodiċi NM ([1])	Subdiviżjoni tat-TARIC	Pajjiż tal-oriġini	Periklu	Frekwenza tal-kontrolli fiżiċi u tal-identità (%)
— Weraq tal-kosbor	— ex 0709 99 90	72	Il-Vjetnam (VN)	Residwi ta' pestiċidi analizzati b'metodi li jużaw residwi multipli bbażati fuq GC-MS u LC-MS jew b'metodi li jużaw residwu wieħed ([16])	20
— Ħabaq (sagru, ħelu)	— ex 1211 90 86	20			
— Nagħniegħ	— ex 1211 90 86	30			
— Tursin (*Ikel — ħxejjex aromatiċi friski*)	— ex 0709 99 90	40			
— Okra	— ex 0709 99 90	20	Il-Vjetnam (VN)	Residwi ta' pestiċidi analizzati b'metodi li jużaw residwi multipli bbażati fuq GC-MS u LC-MS jew b'metodi li jużaw residwu wieħed ([16])	20
— Bżar (minbarra dak ħelu) (*Capsicum* spp.) (*Ikel — frisk*)	— ex 0709 60 99	20			

([1]) Fejn huwa meħtieġ li jkunu eżaminati ċerti prodotti biss li jaqgħu taħt xi kodiċi NM u ma teżisti l-ebda subdiviżjoni taħt dak il-kodiċi fin-nomenklatura tal-prodotti, il-kodiċi NM huwa mmarkat 'ex'.

([2]) Speċijiet ta' *Brassica oleracea* L. convar. *botrytis* (L) Alef var. *italica* Plenck, cultivar *alboglabra*. Magħrufin ukoll bħala 'Kai Lan', 'Gai Lan', 'Gailan', 'Kailan', 'Chinese bare Jielan'.

([3]) B'mod partikolari r-residwi ta': Klorfenapir, Fipronil (is-somma fipronil + metabolit tas-sulfan (MB46136) espressa bħala fipronil), Karbendażim u benomil (somma ta' benomil u karbendażim espressa bħala karbendażm), Aċetamiprid, Dimetomorf and Propikonażol.

([4]) B'mod partikolari r-residwi ta': Trijażofos, Trijadimefon u Trijadimenol (somma ta' trijadimefon u trijadimenol), Paratijon-metil (somma ta' Paratijon-metil u paraosson-metil espressa bħala Paratijon-metil), Fentoat, Metidatijon.

([5]) B'mod partikolari r-residwi ta': Buprofeżin; Imidakloprid; Fenvalerat u Esfenvalerat (somma ta' isomeri RS u SR); Profenofos; Triflularina; Trijażofos; Trijadimefon u Trijadimenol (somma ta' trijadimefon u trijadimenol), Ċipermetrina (ċipermetrina inklużi taħlitiet oħra ta' isomeri kostitwent (is-somma ta' isomeri)).

([6]) B'mod partikolari r-residwi ta': Amitraż (amitraż inklużi il-metaboliti li fihom il-grupp 2,4 -dimetilanilina espressa bħala amitraż), Aċefat, Aldikarb (somma ta' aldikarb, is-sulfossur tiegħu u s-sulfon tiegħu, espressa bħala aldikarb), Karbendażim u benomil (somma ta' benomil u karbendażim espressa bħala karbendażim), Klorfenapir, Klorpirifos, Ditijokarbamati (ditijokarbamati espress bħala CS2, inklużi maneb, mankożeb, metiram, propineb, tiram u żiram), Dijafentjuron, Dijażinon, Diklorvos, Dikofol (somma tal-isomeri p, p' u o, p'), Dimetoat (somma ta' dimetoat u ometoat espressa bħala dimetoat), Endosulfan (somma ta' isomeri alfa u beta u endosulfan-sulfat espressa bħala endosulfan), Fenamidon, Imidakloprid, Malatijon (somma ta' malatijon u malaosson espressa bħala malatijon), Metamidofos, Metijokarb (somma ta' metijokarb and sulfossur tal-metijokarb u sulfon, espressa bħala metijokarb), Metomil and Tijodikarb (somma ta' metomil u tijodikarb espressa bħala metomil), Monokrotofos, Ossamil, Profenofos, Propikonażol, Tijabendażol, Tijakloprid.

([7]) B'mod partikolari r-residwi ta': Karbendażim u benomil (somma ta' benomil u karbendażim espressa bħala karbendażim), Ċiflutrina (ċiflutrina inklużi taħlitiet oħra ta' isomeri kostitwenti (somma ta' isomers)) Ċiprodinil, Dijażinon, Dimetoat (somma ta' dimetoat u ometoat espressa bħala dimetoat), Etijon, Fenitrotijon, Fenpropatrina, Fludjossonil, Eżaflumuron, Lambda-ċijalotrin, Metjokarb (somma ta' metjokarb u sulfossur tal-metjokarb u sulfon, espress bħala metjokarb), Metomil u Tijodikarb (somma ta' metomil u tijodikarb espressa bħala metomil), Ossamil, Pentoat, Tijofanat-metil.

([8]) B'mod partikolari r-residwi ta': Karbofuran (somma ta' karbofuran u 3-idrossi-karbofuran espress bħala karbofuran), Klorpirifos, Ċipermetrin (ċipermetrin inklużi taħlitiet ta' isomeri kostitwenti (somma ta' isomeri)), Ċiprokonażol, Dikofol (somma ta' isomeri p, p' u o,p'), Difenokonażol, Dinotefuran, Etijon, Flusilażol, Folpet, Prokloraż (somma ta' prokloraż u l-metaboliti tiegħu li fihom il-grupp 2,4,6-Triklorofenol espressa bħala prokloraż), Profenofos, Propikonażol, Tijofanat-metil u Triforina.

([9]) B'mod partikolari r-residwi ta': Dimetoat (somma ta' dimetoat u ometoat espress bħala dimetoat), Klorpirifos, Aċefat, Metamidofos, Metomil u Tijodikarb (somma ta' metomil u tijodikarb espressa bħala metomil), Dijafentjuron, Indossakarb bħala somma tal-isomeri S u R.

([10]) B'mod partikolari r-residwi ta': Klorpirifos, Ċipermetrina (ċipermetrina inklużi taħlitiet oħra ta' isomeri kostitwenti (somma ta' isomeri)), Dimetoat (somma ta' dimetoat u ometoat espressa bħala dimetoat), Endosulfan (somma ta' isomeri alfa u beta u endosulfan-sulfat espressa bħala endosulfan), Eżakonażol, Paratijon-metil (somma ta' Paratijon-metil u paraosson-metil espressa bħala Paratijon-metil), Metomil u Tijodikarb (somma ta' metomil u tijodikarb espressa bħala metomil), Flutrijafol, Karbendażim u benomil (somma ta' benomil u karbendażim espressa bħala karbendażim), Flubendijammid, Miklobutanil, Malatijon (somma ta' malatijon u malaosson espressa bħala malatijon).

(11) B'mod partikolari r-residwi ta':

(12) B'mod partikolari r-residwi ta': Karbofuran (somma ta' karbofuran u 3-idrossi-karbofuran espressa bħala karbofuran), Metomil u Tijodikarb (somma ta' metomil u tijodikarb espressa bħala metomil), Dimetoat (somma ta' dimetoat u ometoat espressa bħala dimetoat), Trijażofos, Malatijon (somma ta' malatijon u malaosson espressa bħala malatijon), Profenofos, Protijofos, Etijon, Karbendażim u benomil (somma ta' benomil u karbendażim espressa bħala karbendażim), Triforina, Proċimidon, Formetanat: is-somma ta' formetanat u l-imluħ tiegħu espressa bħala formetanat(idrokloru).

(13) Il-metodu ta' referenza EN/ISO 6579 jew metodu vvalidat miegħu, kif imsemmi fl-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 (ĠU L 338, 22.12.2005, p. 1).

(14) B'mod partikolari r-residwi ta': Aċefat. Karbaril, Karbendażim u benomil (somma ta' benomil u karbendażim espressa bħala karbendażim), Karbofuran (somma ta' karbofuran u 3-idrossi-karbofuran espressa bħala karbofuran), Klorpirifos, Klorpirifos-metil, Dimetoat (somma ta' dimetoat u ometoat espressa bħala dimetoat), Etijon, Malatijon (somma ta' malatijon u malaosson espressa bħala malatijon),Metalassil u metalassil-M (metalassil inkluži taħlitiet oħra ta' isomeri kostitwenti inkluż il-metalassil-M (somma ta' isomeri)), Metamidofos, Metomil u Tijodikarb (somma ta' metomil u tijodikarb espress bħala metomil), Monokrotofos, Profenofos, Protijofos, Kwinalfos, Trijadimefon u Trijadimenol (somma ta' trijadimefon u trijadimenol) Trijażofos, Dikrotofos, EPN, Triforina.

(15) B'mod partikolari r-residwi ta': Metomil u Tijodikarb (somma ta' metomil u tijodikarb espressa bħala metomil), Ossamil, Karbendażim u benomil (somma ta' benomil u karbendażim espressa bħala karbendażim), Klofenteżin, Dijafentjuron, Dimetoat (somma ta' dimetoat u ometoat espressa bħala dimetoat), Formetanat: Somma ta' formetanat u l-imluħ tiegħu espressi bħala formetanat(idroklorur), Malatijon (somma ta' malatijon u malaosson espress bħala malatijon), Proċimidon, Tetradifon, Tijofanat-metil.

(16) B'mod partikolari r-residwi ta': Karbofuran (somma ta' karbofuran u 3-idrossi-karbofuran espressa bħala karbofuran), Karbenażim u benomil (somma ta' benomil u karbendażim espressa bħala karbendażim), Klorpirifos, Profenofos, Permetrina (somma ta' isomeri), Eżakonażol, Difenokonażol, Propikonażol, Fipronil (is-somma ta' fipronil + metabolita tas-sulfon(MB46136) espressa bħala fipronil), Propargit, Flusilażol, Fentoat, Ċipermetrina (ċipermetrina inkluži taħlitiet oħra ta' isomeri kostitwenti (somma ta' isomeri)), Metomil u Tijodikarb (somma ta' metomil u tijodikarb espressa bħala metomil), Kwinalfos, Penċikuron, Metidatijon, Dimetoat (somma ta' dimetoat u ometoat espressa bħala dimetoat), Fenbukonażol."